DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

25 ta' Mejju 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Direttiva 2014/24/UE – Kuntratti pubbliċi – Direttiva 2014/23/UE – Konċessjonijiet ta' servizzi – Assenza ta' punti ta' fatt u ta' liġi li jippermettu li tingħata risposta utli għad-domanda preliminari – Inammissibbiltà"

Fil-Kawża C-643/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Central Administrativo Norte (il-Qorti Amministrattiva Ċentrali tat-Tramuntana, il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Lulju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Awwissu 2019, fil-proċedura

Resopre – Sociedade Revendedora de Aparelhos de Precisão SA

vs

Município de Peso da Régua,

fil-preżenza ta':

Datarede – Sistemas de Dados e Comunicações SA,

Alexandre Barbosa Borges SA,

Fernando L. Gaspar – Sinalização e Equipamentos Rodoviários SA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn S. Rodin, President tal-Awla, D. Šváby (Relatur) u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' permezz ta' digriet motivat, konformement mal-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 56(1) u tal-Artikolu 60(4) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, u rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68), kif emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2365 tat-18 ta' Diċembru 2017 (ĠU 2017, L 337, p. 19) (iktar 'il qudiem id-"Direttiva 2014/24"), kif ukoll tal-prinċipju ta' kompetizzjoni.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Resopre – Sociedade Revendedora de Aparelhos de Precisão SA (iktar 'il quddiem "Resopre") u l-Município de Peso da Régua (il-Komun ta' Peso da Régua, il-Portugall) dwar l-għoti, permezz ta' kuntratt konkluż minn dan tal-aħħar, għall-operar ta' biċċiet ta' art għall-finijiet tal-installazzjoni u tal-operar ta' arloġġi tal-parkeġġ.

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 2014/23

3 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU 2014, L 94, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2015, L 114, p. 24, u ĠU 2018, L 82, p. 17) kif emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2366 tat-18 ta' Diċembru 2017 (ĠU 2017, L 337, p. 21) (iktar 'il quddiem id-Direttiva "2014/23"), jipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli dwar il-proċeduri għall-akkwist minn awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti permezz ta' konċessjoni, li l-valur tagħha huwa stmat li huwa inqas mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 8."

4 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) 'konċessjonijiet' tfisser konċessjonijiet ta' xogħlijiet jew servizzi, kif definit fil-punti (a) u (b):

[…]

b) 'konċessjoni ta' servizzi' tfisser kuntratt b'interess pekunjarju konkluż bil-miktub, li permezz tiegħu awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew aktar tafda l-forniment u l-ġestjoni ta' servizzi li mhumiex twettiq ta' xogħlijiet kif imsemmi fil-punt (a) lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni għal din tkun tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tas-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas".

5 L-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, li jistabbilixxi l-limiti u l-metodi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-konċessjonijiet, jipprovdi, fil-paragrafi (1) u (2) tiegħu:

"1. Din id-Direttiva tapplika għal konċessjonijiet li l-valur tagħhom huwa daqs jew aktar minn EUR 5 548 000.

2. Il-valur ta' konċessjoni għandu jkun il-fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perijodu tal-kuntratt, in-nett tal-VAT, kif stmat mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti, b'kont meħud tax-xogħlijiet u s-servizzi li jkunu s-suġġett tal-konċessjoni, kif ukoll il-fornimenti inċidentali ta' tali xogħlijiet u servizzi."

Id-Direttiva 2014/24

6 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/24 jipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar il-proċeduri għall-akkwist mill-awtoritajiet kontraenti fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi kif ukoll tal-kompetizzjonijiet ta' disinn, li l-valur tagħhom huwa stmat li mhuwiex inqas mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4. […]"

7 L-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

5. 'kuntratti pubbliċi' tfisser kuntratti b'titolu oneruż konklużi bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità kontraenti waħda jew aktar u li għandhom bħala s-suġġett tagħhom l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, il-provvista ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi;

[…]"

8 It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(4) tal-imsemmija direttiva jistipula:

"F'każ ta' kuntratti mħallta li jkun fihom elementi ta' kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizzi u ta' konċessjonijiet, il-kuntratt imħallat għandu jingħata skont din id-Direttiva, sakemm il-valur stmat tal-parti tal-kuntratt li tikkostitwixxi kuntratt kopert b'din id-Direttiva, ikkalkulat skont l-Artikolu 5, hu ugwali jew akbar mil-limitu rilevanti stipulat fl-Artikolu 4."

9 L-Artikolu 4 tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-akkwisti li l-valur stmat tagħhom barra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) huwa daqs jew aktar mil-limiti stabbiliti li ġejjin:

[…]

c) EUR 221 000 għall-kuntratti pubbliċi ta' provvisti u ta' servizzi mogħtija minn awtoritajiet kontraenti subċentrali u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati minn tali awtoritajiet; […]

[…]"

10 L-Artikolu 56(1) tad-Direttiva 2014/24 jipprovdi:

"Il-kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi ta'kriterji stipulati skont l-Artikoli 67 sa 69, sakemm l-awtorità kontraenti tkun ivverifikat f'konformità mal-Artikoli 59 sa 61 li l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma ssodisfati:

a) l-offerta tikkonforma mar-rekwiżiti, mal-kondizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fl-avviż dwar kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess u fid-dokumenti tal-akkwist, billi jittieħed f'kunsiderazzjoni, fejn applikabbli, l-Artikolu 45;

b) l-offerta ġejja minn offerent li mhuwiex eskluż skont l-Artikolu 57 u li jissodisfa l-kriterji ta' għażla stipulati mill-awtorità kontraenti skont l-Artikolu 58 u, fejn applikabbli, ir-regoli u l-kriterji nondiskriminatorji msemmija fl-Artikolu 65.

L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux kuntratt lill-offerent li jissottometti l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża fejn dawn ikunu stabbilixxew li l-offerta ma tikkonformax mal-obbligi applikabbli msemmijin fl-Artikolu 18(2).”

11 L-Artikolu 60(4) ta’ din id-direttiva jipprevedi:

“Evidenza tal-abbiltajiet tekniċi tal-operaturi ekonomiċi tista’ tiġi pprovduta permezz ta’ mezz wieħed jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness XII, Parti 2, skont in-natura, il-kwantità jew l-importanza, u l-użu tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi.”

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

12 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-domanda preliminari saret fil-kuntest ta’ tilwima dwar kuntratt konkluż mill-Komun ta’ Peso da Régua, għall-operar ta’ biċċiet ta’ art għall-installazzjoni u l-operar ta’ arloġġi tal-parkeġġ. Dan il-kuntratt huwa kklassifikat mill-qorti tar-rinviju bħala “kuntratt pubbliku li l-għan tiegħu ikun il-konċessjoni ta’ esplorazzjoni ta’ lottijiet ta’ art”.

13 Għall-finijiet tal-għoti tal-imsemmi kuntratt, l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt kienu jipprevedu fattur ta’ “adegwatezza teknika u funzjonali tas-soluzzjoni” kompost minn 86 “sotto-fattur bażiċi”. Sabiex tiġi stabbilita l-“adegwatezza teknika u funzjonali tas-soluzzjoni”, l-offerent kien mistieden jipparteċipa f’avveniment ta’ dimostrazzjoni. Matul dan l-avveniment, l-offerent kien jippreżenta s-softwer u t-tagħmir li kellu jiġi pprovdut, sabiex jintwera, minn naħa, li jkunu ġew issodisfatti l-modalitajiet u l-kundizzjonijiet previsti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u, min-naħa l-oħra, il-karatteristiċi tal-offerta tiegħu. Jekk, matul dan l-avveniment ta’ dimostrazzjoni, l-awtorità kontraenti kienet tikkonstata li l-offerent kien jissodisfa r-rekwiżiti ta’ wieħed minn dawn is-86 sotto-fattur, dan tal-aħħar kien jikseb għaxar punti għal dan is-sotto-fattur. Jekk l-offerent ma kienx juri li jissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa, jew ma setax jippreżenta s-softwer u t-tagħmir li kellu jiġi pprovdut, huwa kien jingħata punt wieħed biss għal dan is-sotto-fattur.

14 Resopre, li ma pparteċipatx fl-avveniment ta’ dimostrazzjoni, kisbet punt għal kull wieħed mis-86 sotto-fattur tal-fattur “adegwatezza teknika u funzjonali tas-soluzzjoni”. Il-Komun ta’ Peso da Régua indika bħala kontraent lil Datarede – Sistemas de Dados e Comunicações SA, li kienet ipparteċipat fl-avveniment ta’ dimostrazzjoni.

15 Quddiem it-Tribunal Administrativo e Fiscal de Mirandela (il-Qorti Amministrattiva u Fiskali ta’ Mirandela, il-Portugall), Resopre kkontestat il-validità tal-kriterju ta’ attribuzzjoni tal-kuntratt. Hija argumentat, f’dan ir-rigward, li l-fatt li tiġi rikjesta sessjoni ta’ dimostrazzjoni kien ekwivalenti għall-iffissar ta’ rekwiżit minimu fil-qasam ta’ kapaċitajiet tekniċi, li d-dimostrazzjoni tas-softwer u tat-tagħmir ma kinitx intiża li tidentifika l-offerta l-iktar vantaġġuża ekonomikament u li r-rekwiżit inkwistjoni kien jikser il-prinċipji ta’ proporzjonalità u ta’ kompetizzjoni. Din l-impriża ppreċiżat, b’mod partikolari, li kien ikun oneruż għaliha li tiżviluppa prototip tal-arloġġi tal-parkeġġ li għandhom jiġu pprovduti. It-Tribunal Administrativo e Fiscal de Mirandela (il-Qorti Amministrattiva u Fiskali ta’ Mirandela) qieset li d-dimostrazzjoni tas-softwer u tat-tagħmir inkwistjoni kienet teżiġi investiment ta’ bejn EUR 9 148 u 9 648 min-naħa tal-operaturi li ma kellhomx diġà dan is-softwer u dan it-tagħmir u li r-rikors ta’ Resopre kellu jiġi miċħud. Din tal-aħħar appellat mid-deċiżjoni li tiċħad ir-rikors tagħha quddiem il-qorti tar-rinviju.

16 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunal Central Administrativo Norte (il-Qorti Amministrattiva Ċentrali tat-Tramuntana, il-Portugall) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li jmiss:

"Id-dritt tal-Unjoni (b'mod speċifiku l-Artikoli 56(1) u 60(4) tad-[Direttiva 2014/24], kif ukoll il-prinċipju ta' kompetizzjoni), jippermetti li l-ispeċifikazzjonijiet relatati ma' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku li l-għan tiegħu ikun il-konċessjoni ta' esplorazzjoni ta' lottijiet ta' art bil-għan tal-installazzjoni [u] tal-esplorazzjoni [tal-parkimetri] u tas-superviżjoni tar-regoli fis-seħħ fir-Regolament Muniċipali dwar iż-Żoni ta' Parkeġġ bi Ħlas għal Ħin Limitat fil-Muniċipalità, jiddeterminaw il-preżentazzjoni mill-offerenti tas-softwer u tat-tagħmir (il-parkimetru) li għandhom jiġu pprovduti, b'tali mod li jintwera li jkunu ġew issodisfatti t-termini u l-kundizzjonijiet rikjesti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt kif ukoll il-karatteristiċi tal-offerti u jistabbilixxu kriterju ta' għoti relatat mal-fattur 'adegwatezza teknika u funzjonali tas-soluzzjoni' li għandu jiġi evalwat b'rabta ma' tali preżentazzjoni ta' turija (ara l-punti 16 u 17 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-proċedura ta' għoti)?

Fuq l-ammissibbiltà tad-domanda preliminari

17 Konformement mal-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta r-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa manifestament inammissibbli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma tkompli l-proċedura.

18 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata fil-kawża odjerna.

19 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija għandha r-responsabbiltà li tiddefinixxi, u li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq domanda magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (digriet tas-7 ta' Lulju 2016, Sá Machado & Filhos, C-214/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:548, punt 28).

20 Bħalma jirriżulta mill-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun tista' ssib f'talba għal deċiżjoni preliminari espożizzjoni tal-fatti li fuqhom tkun ibbażata d-domanda preliminari, kif ukoll tar-rabta li hemm b'mod partikolari bejn dawn il-fatti u d-domanda. Għaldaqstant, il-konstatazzjoni tal-elementi neċessarji li tippermetti li tiġi vverifikata l-applikabbiltà ta' att ta' dritt sekondarju jew tad-dritt primarju tal-Unjoni għandha titwettaq qabel ma tiġi adita l-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-7 ta' Lulju 2016, Sá Machado & Filhos, C-214/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:548, punt 37).

21 Issa, f'dan il-każ, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludix il-punti ta' fatt u ta' liġi li jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/24, li hija mitluba l-interpretazzjoni tagħha.

22 Id-domanda magħmula tirrigwarda, skont il-qorti tar-rinviju, "kuntratt pubbliku li l-għan tiegħu ikun il-konċessjoni ta' esplorazzjoni ta' lottijiet ta' art". Għaldaqstant, mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax b'mod ċar li l-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jiġi kklassifikat bħala "konċessjoni ta' servizzi" jew bħala "kuntratt pubbliku". Minn naħa, dik il-qorti għamlet id-domanda tagħha fir-rigward tad-Direttiva 2014/24, applikabbli għall-kuntratti pubbliċi biss. Min-naħa l-oħra, mill-proċess fid-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari mill-avviż ippubblikat mill-Komun ta' Peso da Régua, donnu jirriżulta li l-kuntratt ikkonċernat huwa konċessjoni ta' servizzi, irregolat bid-Direttiva 2014/23.

23 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-punt 5 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24, il-"kuntratti pubbliċi" huma ddefiniti bħala kuntratti b'titolu oneruż konklużi bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew iktar u awtorità kontraenti waħda jew iktar u li għandhom bħala s-suġġett tagħhom l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, il-kunsinna ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi.

24 Min-naħa l-oħra, skont il-punt 1(b) tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23, "konċessjoni ta' servizzi" tfisser kuntratt b'titolu oneruż konklużż bil-miktub, li permezz tiegħu awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew iktar tafda l-provvista u l-ġestjoni ta' servizzi li ma humiex l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet lil operatur ekonomiku wieħed jew iktar, meta l-korrispettiv għal din tkun tikkonsisti jew unikament fid-dritt ta' sfruttament tas-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt, jew f'dan id-dritt flimkien ma' ħlas.

25 Minn dan isegwi li l-għoti, minn awtorità pubbliku lil fornitur ta' servizzi, tal-ġestjoni ta' parking pubbliku bi ħlas, li b'korrispettiv għal dan, dan il-fornitur jitħallas bl-ammonti mħallsa mit-terzi għall-użu ta' dan il-parking, jikkostitwixxi konċessjoni ta' servizzi pubbliċi, li għaliha d-Direttiva 2014/24 ma hijiex applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2005, Parking Brixen, C-458/03, EU:C:2005:605, punt 43).

26 Konsegwentement, jekk, f'dan il-każ, il-Komun ta' Peso da Régua jħallas lill-kontraent għall-provvista tal-arloġġi tal-parkeġġ u għas-servizzi ta' kontroll tal-parking, il-kuntratt konklużż għal dan l-għan ikollu jiġi kklassifikat bħala kuntratt pubbliku. Min-naħa l-oħra, jekk dan il-Komun jagħti l-art bħala konċessjoni għall-finijiet tal-installazzjoni u tal-operar ta' arloġġi tal-parkeġġ mill-kontraent, għar-riskju tiegħu stess u għan-nom tiegħu, il-kuntratt konklużż ikollu jiġi kklassifikat bħala konċessjoni ta' servizzi.

27 Għandu jiġi rrilevat ukoll li kuntratt, li jinkludi elementi ta' kuntratti ta' provvista, għal xogħlijiet u ta' servizzi u ta' konċessjonijiet, għandu jiġi kklassifikat bħala "kuntratt imħallat", konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2014/24. B'mod partikolari, dan huwa l-każ fil-każ ta' komun li, min-naħa, jakkwista arloġġi tal-parkeġġ minn kontraent għall-għoti ta' kuntratt pubbliku ta' provvista u, min-naħa l-oħra, jagħti l-operar tagħhom lill-istess kontraent permezz ta' konċessjoni.

28 F'dan il-każ, filwaqt li l-qorti tar-rinviju tiddeskrivi fid-dettall il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-kriterju ta' attribuzzjoni kontenzjuż fil-kuntest tal-proċedura ta' għoti, hija ma tippreċiżax, madankollu, il-modalitajiet ta' remunerazzjoni previsti mill-kuntratt u lanqas ma tindika l-operatur li fuqu jaqa' r-riskju marbut mal-operar tal-arloġġi tal-parkeġġ ikkonċernati.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex f'pożizzjoni li tiddetermina b'ċertezza jekk l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2014/24 mitluba mill-qorti tar-rinviju hix ser tkunilha utli sabiex tiddeċiedi fit-tilwima li hija adita biha.

30 Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li d-deċiżjoni tar-rinviju hija l-uniku dokument li ser jiġi nnotifikat lill-persuni kkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Sa fejn il-formulazzjoni tad-domanda magħmula tista' tiġi interpretata bħala li tagħmel riferiment kemm għal konċessjoni kif ukoll għal kuntratt pubbliku, il-Gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll il-partijiet ikkonċernati l-oħrajn ma humiex ser ikunu f'pożizzjoni li jippreżentaw b'mod utli l-osservazzjonijiet tagħhom konformement mal-imsemmi Artikolu 23 (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-30 ta' Ġunju 2016, ERDF, C-669/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:509, punti 16 u 20, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2017, Cunha Martins, C-131/17, mhux ippubblikat, EU:C:2017:902, punt 12).

31 Għandu madankollu jitfakkar li l-qorti tar-rinviju jibqgħalha l-possibbiltà li tagħmel talba ġdida għal deċiżjoni preliminari meta din tkun f'pożizzjoni li tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-punti kollha li jippermettulha tagħti deċiżjoni (digriet tas-7 ta' Ġunju 2018, easyJet Airline, C-241/18, mhux ippubblikat, EU:C:2018:421, punt 20).

32 Għal dan l-għan, huwa utli li jitfakkar lill-qorti tar-rinviju li l-proċeduri partikolari previsti mid-direttivi tal-Unjoni li jikkoordinaw il-proċeduri ta' għoti tal-kuntratti pubbliċi u tal-konċessjonijiet japplikaw biss għall-kuntratti li l-valur tagħhom jaqbeż il-limitu previst espressament minn kull waħda mid-direttiva kkonċernati. Għalhekk, ir-regoli stipulati minn dawn id-direttivi ma japplikawx għall-kuntratti li l-valur tagħhom ma jilħaqx il-limitu ffissat minnhom (ara, b'analoġija, id-digriet tas-7 ta' Lulju 2016, Sá Machado & Filhos, C-214/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:548, punt 29). Konsegwentement, huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tindika, fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-valur stmat tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li tivverifika li dan jaqbeż il-limitu rilevanti previst, f'dak li jirrigwarda l-konċessjonijiet, fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23 jew, f'dak li jirrigwarda l-kuntratti pubbliċi, fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24.

33 L-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/24 tista' wkoll tirriżulta minn riferiment dirett u inkundizzjonat magħmul mid-dritt Portugiż għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Bl-istess mod, l-għoti ta' kuntratti pubbliċi li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva huwa madankollu suġġett għar-regoli fundamentali u għall-prinċipji ġenerali magħmula mit-Trattat FUE, b'mod partikolari għall-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità kif ukoll għall-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnu, sakemm dawn il-kuntratti jkollhom interess transkonfinali ċert (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-7 ta' Lulju 2016, Sá Machado & Filhos, C-214/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:548, punti 33, 35 u 37). F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju ma tistax sempliċement tibgħat lill-Qorti tal-Ġustizzja provi li juru li ma tistax tiġi eskluża l-eżistenza ta' interess transkonfinali ċert, iżda hija għandha, għall-kuntrarju, tipprovdi informazzjoni li hija ta' natura li tagħti prova tal-eżistenza ta' tali interess (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2016, Tecnoedi Costruzioni, C-318/15, EU:C:2016:747, punt 22).

34 Issa, huwa biżżejjed jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni tar-rinviju la tinkludi indikazzjonijiet dwar il-valur stmat tal-kuntratt jew dwar il-qafas legali nazzjonali li minnu jista' jiġi dedott riferiment dirett u inkundizzjonat għad-dritt tal-Unjoni, u lanqas punti oħrajn li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeduċi l-eżistenza ta' interess transkonfinali ċert minnhom. Jekk jiġi preżunt li l-kuntratt ikkonċernat huwa kuntratt pubbliku, il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma għandha barra minn hekk punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tikkonstata l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

35 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi kkonstatat li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija manifestament inammissibbli, fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

Fuq l-ispejjeż

36 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tordna:

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Central Administrativo Norte (il-Qorti Amministrativa Ċentrali tat-Tramuntana, il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Lulju 2019, hija manifestament inammissibbli.

Firem